Met'iżda kburitu
Gholiet sas-smewwiet,
Murija ċkunitu
Kemm fis hija ġiet.

Mijiet tal-eluf,
Imxew huma miegħu,
Sa l-aktar begħed truf
Għall-għoġba b'ss tiegħu.

Iżda Alla mis-sema
Biss b'nefħa ta' riħ
Wisq minnhom fl-art rema
W temmuhom l-irsieħ.

Ghax dan il-kbir Alla
Bid-dieher ried juri,
Li jkunu tiegħu jtalla'
U jgħaddas il-kburi.

Min qabel ġie mfaħħar
B'wisq qima u wisq ġieħ,
Dan kollu tar fl-aħħar
Ma' żiffa ta' riħ.

U baqgħet m'tfija
F'lejl l-aktar mudlam,
Il-leħħa tad-dija
Li nissel mill-ħram.

Fuq ġebel misrud
Imbagħad mismum,
Ġie miekla tad-dud,
Hawn mejjet mardum.

Tad-dinja, o kobrija,
Għal kemm int merfugħa,
Kemm inti kburija
Tal-ġenn u tal-frugħa!!

Morru issa, o bnedmin!
Dan il-qabar li rajtu.
W il-kliem, ħasbenin,
Istqarru li smajtu. (Fadal)

**B H A L   H O L M A**

*Rajtha 'l Afrodite fuq tajjar bajdani,*
*Tirjes bħan-nifs taż-Żeffiri sajfija,*
*Tifrex madwarha velu fin qawsalla*
*Bħal-tbissim helu fuq haddejn wardija.*

*Għad-dell tal-friegħi ta' siġriet dellija,*
*B'weraq ġol-fidda bajdanin maħsula,*
*Ġewnaħ infirex ta' ħolm bnin u ħlejju*
*Fuq qalbi mxaħxħa, ġamra nar mirgħula.*

*U saħħar l-arja l-ġiżimin bi nwaru,*
*Tbewwes hieni mad-daqq tal-mandolin;*
*Il-mewġiet żifnu bħal tfajliet ferħana,*
*U hienja tbennu, tbandlu l-fregatini.*

*L-Imħabba, b'velu ta' tbissim mistura,*
*Bħal warda faqqgħet fuq xuftejn għaslija,*
*U qalbi daqet bħal inbid tal-ġenna,*
*U ntrefgħet mill-art kollha ferħ mimlija......*

*Dabet Afrodite ġo l-tajjar bajdani,*
*Għabet bħan-nifs taż-Żeffiri sajfija,*
*U għalxejn qalbi kollha dmugħ ixxenqet*
*Għal-tbissim helu fuq haddejn.. ...mitfija.*

24-5-50.

G. B. CASSAR.